TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

CCT/315/12/S

Patricia Coppini
Vs
Emanuel Azzopardi

Illum 9 ta'Mejju,2013.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Patricia Coppini ipprezentata fis-6 ta'Dicembru,2012 u r-risposta ta' Emanuel Azzopardi ipprezentata fid-9 ta'Jannar,2013;

Ra d-dokumenti pprezentati, sema' lill-partijiet kif ukoll it-trattazzjoni taghhom;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda ilment fuq kulur ta' gakketta li varja wara li l-istess gakketta ittiehdet ghad-'drycleaning';

Illi l-gakketta in kwistjoni hi tal-gilda u hemm qbil li l-kulur taghha inbidel wara li l-process ta' "drycleaning";

Illi l-prezz tal-gakketta meta inxtrat kien ta' €175;

Illi mir-ritratti pprezentati jidher li l-kulur tal-gakketta inbidel kompletament ghax minn kannella saret griza;

Illi l-gakketta kienet ilha sena li inxtrat u kienet intuzat mir-rikorrenti;

Illi ladarba l-intimat accetta li jnaddaf il-gakketta, hu ha fuqu r-responsabilita tar-rizultat u mill-provi ma jirrizultax li l-intimat kien avza' lir-rikorrenti li ma kienx qed jassumi responsabilita ghal xi tibdil ta' kulur fl-istess gakketta;

Illi min-naha l-ohra, mill-provi ma rrizultax li l-intimat ma hadimx skont is-sengha w l-arti u anzi segwa l-istruzzjonijiet li kien hemm fuq il-'label' tal-gakketta;;

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 - MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070 FAX: (+356) 21239888

TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Illi t-talba tar-rikorrenti ghal danni ghall-inkonvenjenzi sostnuti, m'hijiex sostenibbli u ma gietx pruvata;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati, wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta u fic-cirkostanzi tal-kaz, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jilqa' t-talba ta' Patricia Coppini u Jichad l-eccezzjonijiet ta' Emanuel Azzopardi b'dan illi Emanuel Azzopardi ghandu jhallas is-somma ta' €175 lil Patricia Coppini u bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri jigu sopportati unikament mill-intimat Emanuel Azzopardi.

Richard Sladden Av.
Arbitru

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 - MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070 FAX: (+356) 21239888